//

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 680

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Carmelo Pizzuto
u
Victor Azzopardi
dwar tkeccija mill-Impieg allegata li hi ngusta

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

DIGRIET

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' l-appellant biex l-"Occhio" tal-Kaz jigi mibdul biex jinqara "Carmelo Pizzuto u Victor Azzopardi Ltd.;

ra n-noti ta' osservazzjonijiet ta' l-appellat Victor Azzopardi (li oppona t-talba) u ta' l-appellant (li gieb il quddiem r-ragunijiet in sostenn tat-talba tieghu).

It-talba ta' l-appellant ma' hiex semplicement xi korrezzjoni ta' zball li thalli l-appell sostanzjalment kif inhu llum u kif ilu minn kwazi sentejn, imma ghandha bhala skop u effett li l-proceduri kontra Victor Azzopardi jispiccaw jew qatt ma' kienu jezistu kontra tieghu u jinbdew proceduri godda jew jitqies li l-proceduri kienu minn dejjem, kontra persuna diversa cioe' Victor Azzopardi Ltd.

Huwa veru li t-Tribunal mhux marbut mir-regoli rigidi tal-procedura civili u ghandu jiddeciedi b'ekwita' u mparzjalita'; dan pero' ma' ifissirx li ghandu jinjora c-cirkostanzi u r-regoli tal-gustizzja in generali u lanqas li l-ekwita' ghandha tigi estiza biex tohnoq l-imparzjalita', li ghandha tigi uzata fil-konfront taz-zewg partijiet u mhux ta' wahda biss.

L-appellant ghamel riferenza ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 175 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li jaghti lill-Qorti l-fakolta' li jakkorda korrezzjonijiet /sub fl-atti. Din il-fakolta' hija, fil-kliem ta' l-istess artikolu,

... limitata

limitata "basta li ebda tibdil bhal dan ma' jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjon".

Il-korrezzjoni mitluba mill-appellant tbiddel sostanzjalment l-azzjoni tieghu ghaliex iggib it-terminazzjoni tal-proceduri kontra persuna (Victor Azzopardi) u jsiru proceduri, allavolja bl-istess ilment, kontra persuna ohra (Victor Azzopardi Ltd.) u ghalhekk l-effett tal-korrezzjoni jkun li quddiem it-Tribunal ikun hemm tilwima mhux lilu riferita mill-Ministru.

Wara kollox l-appellant lanqas jista' jippretendi li kien ha xi zball meta tqajmet it-tilwima ghaliex, minkejja l-eccezzjoni ta' l-appellat, hu baqa' jinsisti u isostni ghal zmien twil li l-"employer" tieghu kien Victor Azzopardi.

L-ekwita' u l-imparzjalita' ma' jkunux qed jigu applikati serjament kif trid il-ligi jekk id-difiza principali ta' l-appellat (li l-appellant ma' kienx impjegat mieghu), kombattuta strenwament mill-appellant ghal kwazi sentejn, tigi f'daqqa wahda imxejna mill-"korrezzjoni" mahsuba u mitluba mill-appellant.

Jichad it-talba.

A. Farrugia
Chairman

Illum tminja u ghoxrin(28) ta' April, 1994